31981R3671

23.12.1981 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 367/3

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 3671/81
tal-15 ta' Diċembru 1981
fuq importazzjonijiet fil-Komunità ta' ċerti prodotti agrikoli li joriġinaw fit-Turkija

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari Artikolu 113 tiegħu,

Waqt li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi, taħt Artikolu 1(2) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 562/81 tal-20 ta' Jannar 1981 fuq it-tnaqqis tad-dazji tad-dwana fuq importazzjonijiet ġewwa l-Komunità ta' ċerti prodotti agrikoli li joriġinaw fit-Turkija [1] jipprovdi li, fil-każ ta' prodotti li dwarhom regoli Komunitarji jeħtieġu li prezz ta' importazzjoni għandu jkun osservat, l-applikazzjoni ta' tariffa preferenzjali għandha tkun soġġetta għall-osservanza ta' dan il-prezz;

Billi l-importazzjonijiet ta' ċerti frott u ħxejjex ġewwa l-Komunità huma soġġetti għal parti tas-sena tas-suq għat-tħaris ta' prezz ta' referenza;

Billi, matul il-perjodu li għalih japplikaw il-prezzijiet ta' riferenza, il-prezzijiet ta' dħul ta' prodotti importati huma ikkalkolati skond l-Artikolu 24 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1035/72 tat-18 ta' Mejju 1972 fuq l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-frott u ħxejjex [2], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1116/81 [3]; billi, fejn il-prezz tad-dħul ta' prodott partikolari minn pajjiż li mhux membru huwa anqas mill-prezz ta' referenza, il-Kummissjoni tintroduċi dritt kumpensatorju fuq esportazzjonijiet mill-pajjiż partikolari;

Billi l-introduzzjoni ta' dritt kompensatorju fuq importazzjonijiet ta' frott u ħaxix li joriġinaw fit-Turkija huwa ekwivalenti għas-sejbien li l-kondizzjoni provduta f'Artikolu 1(2) tar-Regolament (KEE) Nru 562/81; billi l-applikazzjoni tat-tariffa preferenzjali għandha fl-istess ħin tkun sospiża għall-prodott in kwistjoni;

Billi din is-sospenzjoni għandha tirriżulta fil-ġbir ta' dażji tad-dwana applikabbli l-1 ta' Jannar 1981 u għandha tkun ristretta għal perjodu li matulu d-dritt kompensatorju huwa impost,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Meta, bis-saħħa ta' Artikoli 25 u 25a tar-Regolament (KEE) Nru 1035/72, il-Kummissjoni tintroduċi dritt kompensatorju fuq importazzjonijiet ta' ċerti frott u ħxejjex li joriġinaw mit-Turkija, għandha fl-istess ħin terġa ddaħħal għal dawn il-prodotti id-dazju tad-dwana fil-livell li applika qabel l-1 ta' Jannar 1981.

Artikolu 2

Meta l-Kummissjoni tneħħi d-dritt kumpensatorju msemmi f'Artikolu 1, għandha fl-istess ħin tirrintroduċi r-rata preferenzjali tad-dażju tad-dwana.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-15 ta' December 1981.

Għall-Kunsill

Il-President

D. HOWELL

---

[1] ĠU L 65, tal-11.3.1981, p. 1.
[2] ĠU L 118, ta' l-20.5.1972, p. 1.
[3] ĠU L 118, tat-30.4.1981, p. 1